**A.L. 14 tal-2019**

## ATT DWAR IS-SALARJI TAL-IMĦALLFIN U TAL-MAĠISTRATI (KAP. 175)

### Ordni tal-2019 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, il-Prim Ministru, għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-2019 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, u għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2019.

Reviżjoni tas-salarji ta' Prim Imħallef, Imħallfin oħra u Maġistrati. Kap. 175.

**2.** Għandu jitħallas lid-detenuti tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni, minflok is-salarji stabbiliti bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikat għal kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni kolonna ta' din l-Iskeda.

**SKEDA**
**(Artikolu 2)**

| | **2019** | |
|---|---|---|
| | Paga Bażika | Għotja ta' Flus |
| Prim Imħallef ..... | €64,844 | €504 |
| Imħallfin oħra..... | €57,791 | €449 |
| Maġistrati tal-Qorti Inferjuri..... | €50,965 | €396 |